FATTI U FIGURI

ECHA-14-A-06-MT

# Rapport ġenerali 2013



L-ECHA kellha tliet miri prinċipali fl-2013: it-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni taħt REACH, fejn laħqet l-ewwel mira ta' 5% għal kontrolli ta' konformità fuq dossiers tar-reġistrazzjoni u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali.

## IR-REĠISTRAZZJONI TA' SUSTANZI ĠODDA

L-iskadenza ta' REACH tal-2013 kienet għal sustanzi manifatturati jew importati f'ammonti ta' 100-1 000 tunnellata fis-sena. Ir-reġistrazzjoni għaddiet b'suċċess, u kienu rreġistrati madwar 3 000 sustanza ġdida. L-ECHA sostniet lill-kumpaniji, u għeniethom jippreżentaw id-dossiers tagħhom fil-ħin. Ingħatat attenzjoni speċjali lil impriżi żgħar u ta' daqs medju.

Il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar sustanzi rreġistrati, fuq il-websajt tal-ECHA baqgħet prijorità għolja. Fl-2013, l-Aġenzija qassmet ħafna mill-informazzjoni dwar id-dossiers il-ġodda, ħlief dwar dawk li kienu qegħdin jiġu vvalutati fir-rigward ta' talbiet għal kunfidenzjalità.

## L-ILĦIQ TAL-MIRI TA' VALUTAZZJONI

Il-punt fokali primarju fil-valutazzjoni tad-dossier kien fuq il-kontroll ta' konformità ta' dossiers ippreżentati għall-ewwel skadenza tar-reġistrazzjoni ta' REACH, fl-2010. L-ECHA qabżet il-mira tagħha li tikkontrolla l-konformità ta' mhux anqas minn 5% tad-dossiers ta' reġistrazzjoni bl-ogħla żewġ limiti ta' tunnellaġġ. Ħafna mid-dossiers kienu magħżula b'għodod ta' skrining tal-IT intelliġenti biex jeżaminaw dawk il-punti finali li huma tal-akbar importanza għall-użu sikur tas-sustanzi kimiċi. Dan jikkontribwixxi għall-ewwel mira strateġika tal-ECHA: il-massimizzazzjoni tad-disponibbiltà ta' dejta ta' kwalità għolja, li tippermetti l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi.

Fir-rigward tal-valutazzjoni tas-sustanzi, il-pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju kien aġġornat għall-ewwel darba u żdiedu 62 sustanza ġdida. L-ewwel valutazzjonijiet tas-sustanzi kienu konklużi mill-Istati Membri. Dan irriżulta f'abbozzi ta' deċiżjonijiet, li talbu għal aktar informazzjoni dwar 32 sustanza.

## PROGRESS FIL-ĠESTJONI TAR-RISKJI

Fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskji, l-ECHA żviluppat pjan ta' implimentazzjoni għall-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni tal-UE dwar Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHC). Il-pjan direzzjonali jagħti impenn fl-UE kollha biex l-SVHCs kollha rilevanti magħrufa fil-preżent jiġu inklużi fil-Lista tal-Kandidati sal-2020.

Kienu riċevuti l-ewwel tmien applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni. Dawn kienu għal żewġ sustanzi u 17-il użu speċifiku. Għadd kbir ta' proposti għal klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati u xi proposti ta' restrizzjoni marru għand il-kumitati xjentifiċi tal-ECHA, RAC u SEAC għall-opinjoni xjentifika tagħhom.

## RESPONSABBILTAJIET ĠODDA

L-ECHA iġġestixxiet b'suċċess il-bidu tal-operat tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali fl-1 ta' Settembru. Dan kien jinkludi għodod ġodda tal-IT għall-Istati Membri u l-industrija, paġni web, sostenn mill-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA u dokumenti ta' gwida ġodda. L-interess ta' kumpaniji biex japplikaw għal awtorizzazzjoni tal-UE kien iktar baxx milli kien stmat oriġinarjament. L-Aġenzija ppreparat ukoll lillha nnifisha għall-kompiti tagħha fil-ġejjieni bir-Regolament riformulat mill-ġdid dwar Kunsens Infurmat min Qabel (PIC).

## IL-PREPARAZZJONI GĦAL MIRI FIL-ĠEJJIENI

L-ECHA inkorporat ħafna mir-rakkomandazzjonijiet mir-Rapport ta' Reviżjoni tal-Kummissjoni dwar REACH, fl-ippjanar tagħha. Biex tipprepara għall-iskadenza tal-2018, l-ECHA innominat Ambaxxatur SME bħala punt ta' kuntatt għall-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw impriżi żgħar u ta' daqs medju. L-Aġenzija ħadmet ukoll biex ittejjeb il-bini tal-għarfien xjentifiku u regolatorju tagħha, b'mod partikolari biex tirregola l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji ta' nanomaterjali u sustanzi li jħarbtu l-endokrina.

**Ara r-Rapport Ġenerali 2013:**
echa.europa.eu/pubblikazzjonijiet

| Il-motivaturi prinċipali tal-attivitajiet tal-ECHA fl-2013 | |
|---|---|
| **Għajnuna lil kumpaniji biex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi** | |
| Dossiers tar-reġistrazzjoni riċevuti, inklużi aġġornamenti | 14 839 |
| Proposti ta' ttestjar riċevuti | 410 |
| Talbiet għal kunfidenzjalità - talbiet ġodda riċevuti | 548 |
| Talbiet għal aċċess għal dejta li ilha aktar minn 12-il sena | 106 |
| Notifikazzjonijiet PPORD | 299 |
| Domandi | 1 425 |
| Deċiżjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-dejta | 11 |
| Deċiżjonijiet dwar proposti ta' ttestjar | 46 |
| Kontrolli ta' konformità konklużi | 925 |
| Kontrolli fuq id-daqs tal-kumpaniji SME | 516 |
| **L-avvanz tal-użu sikur ta' sustanzi kimiċi** | |
| Proposti għal klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati | 29 |
| Sustanzi li għandhom jiġu vvalutati mill-Istati Membri | 46 |
| Deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi | 32 |
| **L-indirizzar ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib** | |
| Proposti ta' restrizzjoni riċevuti | 4 |
| Proposti għal identifikazzjoni bħala SVHC riċevuti | 17 |
| Applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni riċevuti | 8 |
| **Informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi** | |
| Deċiżjonijiet dwar talbiet għal kunfidenzjalità | 198 |
| Deċiżjonijiet dwar aċċess għal talbiet għal dokumenti | 53 |
| Domandi ġenerali u tal-istampa | 1 241 |
| Mistoqsijiet mogħtija tweġiba (Pariri minn REACH, REACH-IT, IUCLID 5, oħrajn) | 6 698 |
| Stqarrijiet għall-Istampa u Twissijiet tal-Aħbarijiet | 95 |
| **Oħrajn** | |
| Appelli ppreżentati fl-2013 | 22 |
| Għadd ta' persunal statutorju | 553 |
| Infiq totali | 106 miljuni |

ECHA-14-A-06-MT - ED-01-14-371-MT-N - ISBN: 978-92-9244-527-0 - DOI: 10.2823/12967

Annankatu 18Kaxxa Postali400, F'-00121 Ħelsinki, Finlandja | echa.europa.eu